**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 246/2022 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MM**

**U**

**RA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' MM u RA kif irraprezentati mill-mandatarja specjali taghhom l-Avukat Julienne Bencini (ID 245084M) datat 9 ta' Mejju 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2014 f'Malta hekk kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat bl-ittra 'A';*

2. *Illi l-partijiet kienu iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni ippublikat fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat tmintax (18) ta' Mejju tas-sena 2020 hekk kif jirrizulta mid-dokument immarkat bhala dokument 'B' u m'hemm ebda obbligi reciproci ta' manteniment jew pendenzi ohra li ghandha tigi indirizzata;*

3. *Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin ghall-izjed minn sitt (6) xhur fis-sena precedenti;*

4. *Illi ma hemmx dubbju illi z-zwieg taghhom m'huwiex rekuperabbli u ma' hemm l-ebda prospettiva ragjonevoli illi l-partijiet jerghu jirrikonciljaw u kull wiehed minnhom jghix hajja totalment separata minn xulxin u huma finanzjarjament independenti minn xulxin;*

5. *Illi m'hemmx tfal jew dipendenti bejn l-esponenti;*

6. *Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jottjenu divorzju bejniethom;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn l-partijiet; u*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

*Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-Nota tal-kontendenti datata 14 ta' Gunju 2022;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MM xehed** (vide affidavit fol 15) illi l-partijiet zzewgu nhar l-24 ta' Mejju 2014, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood nhar 18 ta' Mejju 2020. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonferma illi ma hemm

ebda manteniment dovut bejniethom u llum jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**RA xehdet** (vide affidavit fol 16) u kkonfermat u kollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-24 ta' Mejju 2014, liema zwieg jgib certifikat numru 1297/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood nhar it-18 ta' Mejju 2020 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 5 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1297/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**